**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 569/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**George Mifsud**

**Illum 16 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' George Mifsud ta' tnejn u sebgħin (72) sena, iben Anthony u Jane xebba Spiteri, imwieled Ħal-Luqa fis-27 ta' Frar 1950, residenti ġewwa Nru.89, Triq il-Kanonku Bonnici, Ħamrun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 279750(M), talli nhar it-12 ta' Mejju 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet u positjiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda:

1. Ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jizgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimali li kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost oħrajn il-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Naqas milli jirreġistra u joħroġ liċenzja lill-annimali fil-pussess tiegħu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 - Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil George Mifsud sabiex iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' l-annimali minn kull post f'Malta, u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A' sa' Dok. "D" a fol. 3 sa' 8 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Cassar[2] u ta' Fiorita Maria Sammut[3] mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Settembru 2021 u tat-3 ta' Frar 2022 u rat id-dokument esebit minn Joseph Cassar markat Dok. "JC" a fol. 22 sa' 38 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Carabott[4] u ta' Lawrence Spiteri[5] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u x-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA3" a fol. 53 sa' 74 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' PC437 Jurgen Falzon mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[7];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-12 ta' Mejju 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet u positjiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda: (1) ġiegħel annimali jsofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jizgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimali li kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost oħrajn il-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta'

[1] Fol. 14 tal-proċess.
[2] Fol. 15 sa' 21 tal-proċess u fol. 81 sa' 85 tal-proċess.
[3] Fol. 41 sa' 44 tal-proċess u fol. 86 sa' 88 tal-proċess.
[4] Fol. 45 sa' 47 tal-proċess.
[5] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[6] Fol. 51 u 52 tal-proċess.
[7] Fol. 76 u 77 tal-proċess.

akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) naqas milli jirreġistra u joħroġ liċenzja lill-annimali fil-pussess tiegħu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 - Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb.

L-imputat filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

F'dawn il-proċeduri xehedu s-segwenti:

**Joseph Cassar**[8], Uffiċjali għall-Ħarsien Kriminali, illi xehed li *nhar it-12 ta' Mejju ta' din is-sena, 2021, daħal rapport li ġewwa 76, Barth Street, il-Ħamrun, kien hemm xi annimali li kienu qed jinżammu f'bitħa bil-ħmieġ. Kellna aċċess minn lok ieħor biex ħadna xi ritratti tal-bitħa minn fuq fejn irriżulta illi kien veritier ir-rapport. Morna l-għassa tal-Ħamrun għall-assistenza fejn ġie magħna PC437 u morna quddiem dan il-lok, 76, Barth Street, il-Ħamrun, fejn mal-koxxa tal-bieb kien hemm numru tal-mobile. Ċempilnieh u rriżulta li kien ta' ċertu George Mifsud* - illi x-xhud għarfu fl-Awla bħala l-imputat. *Il-Pulizija staqsieh jekk il-fond hux tiegħu u rriżulta li kien fl-affermattiv, li kien tiegħu u ntalab biex jiġi fuq il-post flimkien miegħu. Fil-bitħa irriżulta illi kien hemm tlett iklieb tar-razza Chihuahua suwed, erbat ifniek ġo gaġġeġ żgħar li taħthom kien hemm ammont ta' ħmieġ li kien ilu ma jitnaddaf, il-bitħa kienet maħmuġa u l-istess kien jirriżulta li kien ilu ma jnaddaf is-sid u kellu ħames ħamimiet ġo gaġġa żgħira l-istess parti minnhom kienu fix-xemx u parti kellhom għatja fuqhom. Qabel dħalna ... infurmajnieh li aħna konna uffiċjali għall-ħarsien kriminali u kif konna hemm ġew staqsejtu għaliex qegħdin fil-ħmieġ. Is-Sur George qalli li kien weġġa' idejh u ma setax inaddaf u jiena għedtlu li dawn se jiġu seized min-naħa tad-direttorat tal-ħarsien kriminali. Ħadnihom u tellajnihom l-Isptar APH ta' Ta' Qali.*

Fir-rigward tal-fniek, Joseph Cassar iddikjara li *ġo gaġġa minnhom kien hemm fenka li weldet iż-żrameġ u kienu mejtin kollha* u dwar il-ħmieġ u l-ilma xehed illi *l-ħmieġ tal-klieb hemm kien għadu u taħt il-gaġġeġ tal-fniek kien bil-ħmieġ, il-ħamiem kienu fil-gaġġa fil-ħmieġ l-istess. ... Xorb kien hemm imma kien fix-xemx u infatti kien aħdar bix-xemx. ... L-ikel aħna ma nistgħux ngħidu li jkun magħhom di sentu għax jekk mort tagħlef u kiluh, l-ilma jrid ikun regolari hemm. ... Kienu qed jiġu mitmugħa, ma kienux imnaddfa biss. ... L-ilma kien qiegħed fix-xemx u fil-fatt, meta tħalli l-ilma fix-xemx, dan jiħdar. ... Ma jinħaslux il-bowls fejn ikun l-ilma.*

Fir-rigward tal-kliebJoseph Cassar qal li l-problema kienet li kienu qed jinżammu fil-ħmieġ u żied li *rigward shelter kien hemm biċċa msaqqfa, il-bieb tal-bitħa kien magħluq allura ma setgħux jidħlu ġewwa fil-post però kien hemm biċċa saqaf, però jekk se tiġi x-xemx taħt dak is-saqaf, xorta m'għandhomx fejn jistkennu.* Iddikjara li r-Regolamenti jipprovdu li *għandhom ikunu f'post mgħotti b'għatja mill-elementi tan-natura, li qegħdin f'post mhux imdejqin, li qed tittieħed kura tagħhom u ikel u ilma kif suppost.* Fir-rigward ta' ċċipjar tal-klieb, Joseph Cassar iddikjara li dawn

[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 15 sa' 21 tal-proċess.

kienu għadhom taħt l-erba' xhur u allura l-obbligu ma jissussistix. Fuq domanda tal-Qorti dwar x'kienet il-kwistjoni ewlenija f'dan il-każ, Joseph Cassar wieġeb *il-ħmieġ u ċ-ċokon tal-gaġġeġ* u mistoqsi wkoll kemm fl-opinjoni tiegħu kien ilu jakkumula tali ħmieġ, wieġeb madwar xahar, xahar u nofs.

In kontro-eżami[9] Joseph Cassar iddikjara li l-ispezzjoni fil-fond saret għall-ħabta tal-11:00a.m. u li dak il-ħin tiġi x-xemx fil-bitħa. Ikkonferma wkoll li dakinhar ta' l-ispezzjoni l-imputat kellu idu fil-ġibs u li kull ma qalilhom fir-rigward kien li weġġa' idu u għalhekk ma kienx qed jmur jnaddaf lill-annimali. Xehed ukoll illi l-klieb, il-fniek u l-ħamiem ġew kollha elevati iżda kien hemm xi għasafar oħra li ma ġewx elevati minn fuq il-post. Mistoqsi dwar l-istat ta' saħħa ta' l-annimali elevati, Joseph Cassar wieġeb *li kellhom għaliex kienu fil-ħmieġ u ilma maħmuġ u ma kellhomx biżżejjed protezzjoni mix-xemx. … Ħadd ma jieħu pjaċir jixrob ilma maħmuġ. … Ħadd ma jieħu pjaċir joqgħod fil-ħmieġ*. Fir-rigward tal-ħamiem u tal-fniek, Joseph Cassar iddikjara li dawn kienu f'gaġġeġ imdendlin mal-ħajt u l-ħmieġ tagħhom kien jibqa' nieżel taħthom ma' l-art fil-bitħa.

Joseph Cassar esebixxa r-rapport ta' l-ispezzjoni li fih l-istess dettalji mogħtija minnu fix-xhieda tiegħu u fih ukoll ritratti li juru l-istat ta' l-affarijiet u ta' l-annimali kif instabu dakinhar tat-12 ta' Mejju 2021[10].

**Fiorita Maria Sammut**[11], Animal Welfare Officer, illi pratikament ikkonfermat dak kollu li qal Joseph Cassar u xehdet ukoll illi *kollox fix-xemx u bl-ilma maħmuġ aħdar. Kien hemm ukoll anke erbat ifniek ġol-gaġġeġ, l-istess sheltered taparsi kien hemm shelter bla ilma xejn u fil-ħmieġ u kien hemm waħda minnhom fenka mara bil-babies, biż-żrameġ żgħar kollha mejtin u kien hemm ħames ħamimiet l-istess fiċ-ċokon, bla ilma, fix-xemx u kollha fil-ħmieġ. Meta staqsejnieh* - lill-imputat illi hija għarfitu fl-awla - *x'kienet ir-raġuni għalfejn ilu daqshekk ma jnaddaf qalilna li kien weġġa' idejh il-leminija u ma setax inaddaf sew. … Naħseb ikunu għaddew ġimgħatejn jew tlieta, f'dak l-ilma għax ħmieġ, ħmieġ kien hemm jiġifieri. Dawn klieb żgħar, ma tgħidx xi kelb kbir li tgħid jagħmel ħafna ta' kuljum ngħidlu jien. … Ilma ma kienx hemm għax l-ilma fil-ħmieġ kien. Il-ftit ilma, ma nafx jekk forsi rajtx ir-ritratti fejn kien hawn il-bramel, dawk il-bramel qed nimmaġina li kienu għall-klieb taċ-chihuahua jien għax ħamiema minn ġol-gaġġa mhux se tinżel ma' l-art u tixrob minn ġol-barmil. Imma l-barmil, jekk ikun barmil għoli hekk u għandu daqshekk ilma u ilma maħmug, iċ-chihuahua mhux se jlaħħaq miegħu.*

In kontro-ezami Fiorita Maria Sammut[12] ikkonfermat li dakinhar ta' l-ispezzjoni l-imputat kellu idu fi *sling* u kkonfermat li fl-opinjoni tagħha l-annimali kienu ilhom ma jitnadfu bejn ħmistax u tlett ġimgħat u dan għaliex *l-ammont ta' ħmieġ ikun jidher u anke r-riħa tkun tinxtamm sew. Dan anke taħt il-fniek kellu kollu ħmieġ jiġifieri kieku tkun tnaddaf kuljum jew forsi ġurnata iva u ġurnata le, ma jkunx hemm dak l-ammont ta' ħmieġ.* Ikkonfermat li l-ħmieġ tal-fniek u l-ħamiem kien jaqa' mill-gaġġeġ għal ma' l-art fil-bitħa fejn kien hemm il-klieb. Fir-rigward ta' l-istat

---

[9] Waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022, fol. 81 sa' 85 tal-proċess.
[10] Dok. "JC" a fol. 22 sa' 40 tal-proċess.
[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 41 sa' 44 tal-proċess.
[12] Waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022, fol. 86 sa' 88 tal-proċess.

ta' saħħa ta' l-annimali, hija ddikjarat li l-klieb kienu jidhru fi stat ta' saħħa tajjeb iżda fir-rigward tal-fniek enfasizzat li l-fenka kellha ż-żrameġ mejta magħha.

**Stephen Carabott**[13], Uffiċjal ta' l-Animal Welfare, illi ddikjara li dakinhar tat-12 ta' Mejju 2021 huwa kien ippresta servizz ta' ambulanza għall-annimali iżda ma kienx involut fl-ispezzjoni *per se*. Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li ppreżenta ruħu fuq il-post meta saret l-ispezzjoni u dwar l-istat ta' l-affarijiet kif kienu xehed illi *dħalt biex ngħabbi l-annimali. ... Kien hemm tlett iklieb qishom imsakkrin ġo qisha biċċa kamra b'injama u kien hemm fniek u ħamiem li kienu f'bitħa fix-xemx. ... Speċjalment fil-bitħa kien hemm il-ħmieġ iva ... jiena li rajt kien hemm il-ħamiem kien qiegħed naqra fix-xemx u kien hemm il-ħmieġ taħtu speċjalment. Għar-rigward tal-klieb ma niftakarx eżatt biex inkun sinċier kif kienu, f'liema kundizzjoni.* Mistoqsi in kontro-eżami dwar l-istat ta' saħħa ta' l-annimali, Stephen Carabott naqas milli jagħmel osservazzjonijiet in kwantu ma kienx hu responsabbli mill-ispezzjoni dakinhar.

**Lawrence Cutajar**[14], Uffiċjal ma' l-Animal Welfare, illi ddikjara li dakinhar ta' l-ispezzjoni huwa kien ippresta servizz ta' l-ambulanza lil Joseph Cassar u lil Fiorita Maria Sammut u anke kien ipprovda xi gaġġeġ għat-trasport ta' l-annimali. Iddikjara li huwa qagħad barra u ġewwa ma kienx daħal, lanqas seta' jagħraf lil xi ħadd ġewwa l-Awla dakinhar illi huwa xehed f'dawn il-proċeduri.

**L-Ispettur Roderick Attard**[15] illi xehed li *rċevejna rapport mill-Animal Welfare sabiex inressqu l-Qorti li ċertu George Mifsud detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 279750(M) u dan b'rabta ma' moħqrija ta' l-annimali. F'dan ir-rapport kien hemm diversi ritratti, liema ritratti ġew innumerati minni u jiena bgħatt għas-Sur George Mifsud* - illi huwa għarfu bħala l-imputat fl-Awla - *nhar it-30 ta' Lulju tas-sena 2021 fejn is-Sur Mifsud ġie mgħarraf bid-drittijiet legali, tant kemm hu hekk li kien assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, Dr. Kennet Xuereb. Huwa ġie ġewwa l-uffiċċju tiegħi l-Ħamrun wara li ġie msejjaħ, xhud kelli lil PC455, jiena ħadtlu stqarrija fejn infurmajtu bid-drittijiet legali tiegħu, fosthom li għandu dritt illi jibqa' sieket, biss hu għażel li jwieġeb għal kull mistoqsija li saritlu. Is-Sur Mifsud saħaq illi ġewwa r-residenza 76, Barth Street, il-Ħamrun, huwa kellu tliet iklieb tal-but, erbat ifniek miż-żgħar u kellu erba' ħamimet u saħaq ukoll illi kien jagħlifhom u li kien anke jagħtihom x'jixorbu. Huwa saħaq ukoll illi fil-perjodu li għamlu l-ispezzjoni l-addetti ta' l-Animal Welfare, kellu xi ferita f'idu jidhirli, kellu idu miksura, u fil-fatt ipproduċieli ċertifikat mediku* - Dok. "RA1" a fol. 53 tal-proċess. *Is-Sur Mifsud fl-istqarrija ġie mistoqsi dwar dak li kien allegat fir-rapport fosthom dwar il-ħmieġ u saħaq ukoll li l-addetti ta' l-Animal Welfare kienu ħadulu wkoll xi annimali. Staqsejtu jekk kienx ibiegħ xi annimali fuq il-monti u hu saħaq li ma kienx ibiegħ annimali fuq il-monti. Huwa saħaq ukoll illi l-addetti ta' l-Animal Welfare kienu ħadulu tliet iklieb, erbat ifniek u erba' ħamimiet. Tul l-istqarrija għadni ngħid ukoll illi s-Sur Mifsud ġie muri varji ritratti mir-rapport li kien ippreżentat mill-Animal Welfare.* L-Ispettur Attard ippreżenta fost diversi dokumenti oħra, l-istqarrija ta' l-imputat markata Dok. 2" a fol. 54 sa' 56 tal-proċess.

---

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 45 sa' 47 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 48 u 49 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, fol. 51 u 52 tal-proċess.

**PC437 Jurgen Falzon**[16] illi kkonferma li dakinhar tat-12 ta' Mejju 2021 l-Għassa tal-Ħamrun intalbet tagħti assistenza lill-uffiċjali ta' l-Animal Welfare ġewwa Triq Barth, il-Ħamrun u dana fir-rigward ta' spezzjoni li riedet issir biex jiġi determinat kienx hemm xi illegalitajiet f'dak il-fond. Ikkonferma li huwa kien l-uffiċjal tal-Pulizija li mar jassisti lill-uffiċjali ta' l-Animal Welfare u li l-persuna li tfaċċat wara li saret telefonata lejn numru li kien hemm fuq il-post, kien l-imputat f'dawn il-proċeduri li huwa għarfu fl-Awla. PC 437 Jurgen Falzon ikkonferma li meta daħal fil-post huwa ra diversi annimali u li kien hemm ħafna ħmieg u anke nuqqas ta' ikel fejn kien hemm il-klieb. Xehed ukoll illi *jiena bqajt mas-sinjur biex nara li jibqa' fuq il-post waqt li ta' l-Animal Welfare bdew jagħmlu l-ispezzjonijiet mal-post kollu u dan itteħdulu xi annimali fosthom klieb, kien hemm tlett iklieb suwed żgur u kien hemm iktar annimali. … Kien hemm tlett iklieb taċ-chihuahua … ħadulu iktar annimali imma ma nafx x'inhuma għax jien kont qiegħed ma' l-akkużat.*

A bażi tal-provi prodotti minnha, illi skontha kollha juru li fil-post fejn kienu jinżammu l-annimali ta' l-imputat kien hemm ħafna ħmieġ u li l-ħamiem u l-fniek ma kienux qed jinżammu f'gaġġeġ kif suppost, il-Prosekuzzjoni tissottometti li ġie minnha ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Tissottometti wkoll li ladarba mill-istess provi rriżulta li ma kienx hemm obbligu li l-klieb li kellu l-imputat jiġu reġistrati u iċċipjati, allura huwa għandu jiġi llberat mir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Da parte tagħha d-Difiża tissottometti li l-imputat għandu jiġi lliberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u mhux biss mir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih stante li in verità l-provi tal-Prosekuzzjoni essenzjalment jikkonsistu f'żewġ xhieda - Joseph Cassar u Fiorita Maria Sammut - fejn Sammut lanqas biss għarfet lill-imputat bħala l-persuna responabbli mill-annimali in kwistjoni u Cassar ma issostanzjax l-elementi meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija ta' l-imputat. Huwa naqas milli jipprova l-elementi ta' spazju, ikel u xorb u ndafa. Anke fir-rigward tal-gaġġeġ ma ġab l-ebda prova dwar id-daqs u fir-rigward tal-fniek ma ġabx prova dwar ir-razza ta' l-istess filwaqt illi l-bitħa kienet kbira biżżejjed għall-klieb. Lanqas ma tressqet l-ebda prova dwar l-istat tas-saħħa ta' l-annimali u fejn tidħol il-kwistjoni tal-ħmieġ, Joseph Cassar u Fiorita Maria Sammut kienu approssimattivi ħafna u ma qablux bejniethom, b'wieħed jgħid li kien ħmieġ ta' bejn xahar, xahar u nofs u l-oħra tgħid li kien ħmieġ ta' bejn ġimgħatejn, tlett ġimgħat. In verità, tikkontendi d-Difiża, il-post kien ilu ma jitnaddaf biss ftit jiem u dana għaliex l-imputat xi ġranet qabel kien l-isptar peress li kiser idu.

Filwaqt li l-Qorti taqbel li fid-dawl tax-xhieda ta' Joseph Cassar fejn iddikjara bla tlaqliq li l-imputat ma kellux l-obbligu li jirreġistra u jiċċippja l-klieb in kwistjoni, l-imputat ma għandux jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u għandu jiġi lliberat minnha, assolutament ma taqbilx mad-Difiża li l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-istess imputat huwa ħati tat-tlett imputazzjonijiet l-oħra dedotti fil-konfront tiegħu.

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021, fol. 76 u 77 tal-proċess.

Għalkemm Fiorita Maria Sammut ma għarfitx lill-imputat bħala l-persuna responsabbli mill-fond u mill-annimali li kien hemm ġo fih, Joseph Cassar, li wkoll kien preżenti waqt l-ispezzjoni u anke nkarigat minnha, għarfu bla problemi ta' xejn. Daqstant ieħor għarfu lill-imputat kemm Stpehen Carabott li dakinhar ippresta servizz ta' ambulanza kif ukoll PC437 Jurgen Falzon illi assissta lill-uffiċjali ta' l-Animal Welfare waqt l-ispezzjoni tat-12 ta' Mejju 2021. Apparte minn dawn ix-xhieda hemm ukoll ir-ritratti meħuda mill-uffiċjali ta' l-Animal Welfare annessi mar-rapport tagħhom esebit minn Joseph Cassar bħala Dok. "JC" a fol. 22 sa' 40 tal-proċess. F'dawn ir-ritratti jidher ferm ċar l-imputat. L-istess imputat fl-istqarrija tiegħu - mogħtija wara li ngħata d-drittijiet kollha u fil-presenza ta' l-Avukat tiegħu - iddikjara li l-fond Nru. 76, Barth Street, Ħamrun huwa tiegħu li l-annimali ta' ġo dan il-fond kienu tiegħu wkoll. Fid-dawl ta' dan kollu altru milli l-imputat ma huwiex suffiċjentement indikat u identifikat bħala l-persuna responsabbli mill-fond u annimali imsemmija.

In kwantu rigwarda l-livell ta' ħmieġ li nstab fil-fond in kwistjoni u l-istat ta' l-ilma li kien hemm suppost biex jinxtorob mill-annimali, il-Qorti ftit li xejn tqis li għandu jkun hemm dubju dwar l-istess fid-dawl tar-ritratti annessi mar-rapport ta' l-uffiċjali ta' l-Animal Welfare. Minn dawn ir-ritratti jidher ċar li l-bitħa li fiha kienu qed jinżammu l-annimali in kwistjoni kienet mimlija ħmieġ tal-ħamiem u tal-fniek u anke tal-klieb. Għalkemm il-ħmieġ tal-ħamiem u ta' uħud mill-fniek kien jibqa' għaddej minn ġol-gaġġeġ, dan kien jaqa' ma' l-art u kellhom joqgħodu fih il-klieb li wkoll kienu jagħmlu il-bżonnijiet tagħhom hemm ukoll. U mhux il-fniek kollha kienu f'gaġġa fejn il-ħmieġ kien jibqa' nieżel. In fatti kien hemm fenka li kellha *tray* u dan kien mhux biss mimli ħmieġ iżda addirittura kellha ż-żrameġ mejtin ħdejha. Għalkemm Joseph Cassar u Fiorita Maria Sammut ma qablux eżatt dwar il-perijodu li dam jakkumula dan il-ħmieġ, frankament il-Qorti tqis li l-istat li fih kienet il-bitħa kien tali li din ċertament kienet ilha numru konsiderevoli ta' ġranet ma titnaddaf u onestament temmen li jekk kienux ġimgħatejn jew tlett ġimgħat jew xahar jew xahar u nofs mhux li jagħmel dik id-differenza kollha għaliex, jiġi ribadit, ir-ritratti jitkellmu waħdehom u huwa ċert li l-ebda annimal ma għandu jitħalla f'dak l-istat ta' ħmieġ li kienu fih l-annimali in kwistjoni.

Apparte kwistjoni ta' ndafa, hemm ukoll il-kwistjoni ta' l-ilma li mhux biss kien inaċċessibli għall-ħamiem u għall-fniek - li lanqas kellhom ilma ma' jew fil-gaġġeġ li kienu fihom u kien ukoll diffiċli biex jintlaħaq mill-klieb in kwantu ta' razza żgħira - iżda kien ukoll aħdar, fatt dan li juri b'mod ċar stat ta' inkuranza totali da parte ta' l-imputat verso l-benessere ta' l-annimali tiegħu.

Il-"gaġġeġ" ukoll kienu, a kuntrarju ta' dak pretiż mill-imputat, għal kollox inadegwati għall-ħamiem u għall-fniek u dana billi irrispettivament mir-razza u mid-daqs tagħhom, bil-kemm jista' jingħad li kienu qegħdin ġo gaġġeġ fil-veru sens tal-kelma. Mir-ritratti joħroġ ċar ukoll li dawn l-annimali kienu ferm ikkripati u lanqas biss kellhom fejn jiċċaqalqu u għaldaqstant ma kienux qed jinżammu f'akkomodazzjoni xierqa għalihom.

Id-Difiża tisħaq ukoll fuq il-fatt li ma tressqitx prova dwar l-istat ta' saħħa ta' l-annimali u tisħaq ukoll fuq il-fatt li mhux l-annimali kollha ttieħdu mill-uffiċjali ta' l-Animal Welfare. Dawn il-fatturi però fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlu assolutament

xejn mis-sitwazzjoni preżenti. Għalkemm fortunatament seta' jirriżulta li l-annimali in kwistjoni ma kienux fi stat ta' saħħa ħażin minħabba l-mod kif kienu jinżammu, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ebda annimal ma jieħu gost jgħix fil-ħmieġ, f'ambjent ikkripat u b'ilma li mhux tajjeb għax-xorb. Il-fatt li kien hemm għasafar li ma ittieħdux, ma jnaqqas xejn mill-mod xejn xieraq li fih kienu qed jinżammu l-annimali l-oħra li finalment ittieħdu mill-uffiċjali ta' l-Animal Welfare.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Zammit, App. Krim. Nru. 149/19** deċiża fit-12 ta' Novembru 2019: *l-appellant jinstab akkużat bil-ksur ta' l-artikolu 8(2)(3) ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta) li jinqara kif ġej: (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat. (3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm annimali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom. Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu l-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġigħ ta' l-annimal miżmum. … Illi t-tifsira ta' "moħqrija" ta' annimali li kienet (u għadha) viġenti fi żmien il-fatti tal-każ: tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġigħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa.*

Ikkunsidrati l-fattispecie tal-każ odjern fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 8(2)(3)(4) ta-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-imputat, minħabba n-nuqqas tiegħu li jżomm lill-annimali in kwistjoni fi stat ta' ndafa tajba u f'ambjent xieraq, ossia mhux f' "gaġġeġ ikkripati" u bla ilma tajjeb għax-xorb, ma jistax għajr li jinstab li kiser dawn il-provvedimenti tal-Liġi u li per konsegwenza huwa ħati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Id-Difiża targumenta wkoll li siccome l-imputat weġġa' idu ftit jiem qabel huwa kellu problema biex inaddaf kif suppost. Għalkemm irriżulta li huwa veru li l-imputat weġġa' idu, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ma kellux jabdika mid-doveri tiegħu lejn l-annimali li kellu fil-fond 76, Barth Street, Ħamrun, iżda kellu jara kif jagħmel biex jikseb għajnuna ħalli l-post jitnaddaf kif suppost. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-imputat weġġa' idu ma jimpinġi bl-ebda mod fuq il-fatt li l-ħamiem u l-fniek xorta kienu qed jinżammu fi spazji mhux adegwati għalihom.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tirribadixxi li filwaqt li ma tistax issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk għandu jiġi liberat minn tali imputazzjoni, huwa għandu jinstab ħati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih u konsegwentement għandu jiġi kkundannat ai termini tal-Liġi. F'tali rigward il-Qorti tosserva li f'dan il-każ għandha tapplika l-Liġi kif in vigore qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi introdotti bl-Atti XXXIX ta' l-2021 u LXIV ta' l-2021.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali relattivament netta u ma jirriżultax li mill-1971 'l hawn kellu kwistjonijiet oħra li wasslu għal proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-imputat ma huwiex ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ta' l-aħħar kif kif in vigore qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi introdotti bl-Atti XXXIX ta' l-2021 u LXIV ta' l-2021, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' elfejn Euro (€2,000).

Ai termini ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna li l-multa ta' €2,000 hawn imposta fuq l-imputat, li rriżulta li huwa pensjonant, titħallas minnu permezz ta' għoxrin (20) pagament konsekuttiv ta' €100 il-wieħed, bl-ewwel pagament ta' €100 isir dovut fit-3 ta' Ġunju 2022 u kull pagament ulterjuri ta' €100 sal-ħlas tas-somma kollha ta' €2,000 ikun dovut fit-tielet ġurnata ta' kull xahar konsekuttiv.

Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament wieħed ta' €100, il-multa ta' €2,000 jew kull bilanċ dovut minnha jsir dovut minnufih fl-intier tiegħu u d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħoddu għall-kundanna ta' multa u għall-arrest u priġunerija jekk ma jsirx il-ħlas tal-multa, jew tal-bilanċ dovut minnha, jkunu jgħoddu fir-rigward ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**